# EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2007

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IS-SITT SENA** **STUDJI SOĊJALI** **ĦIN : Siegħa**

**Isem :** ________________________________________

**Klassi :** _________________ **TOTAL TAL-MARKI** [ ]

**A (i) Aqta' sing taħt il-kelma jew il-frażi t-tajba.**

1. Fuq il-parti l-bajda tal-bandiera Maltija hemm (is-Salib ta' Malta, iż-Żebbuġa, l-Arma ta' Malta, il-George Cross).

2. Kważi l-Maltin kollha jafu jitkellmu (bl-Ispanjol, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Malti).

3. Malta tissejjaħ gżira għax hi mdawra (bis-swar, bil-baħar, bil-bini, bil-blat).

4. It-tliet gżejjer ewlenin li jiffurmaw l-arċipelagu ta' Malta huma Malta, Għawdex u (Kreta, Sardinja, Kemmuna, Ċipru).

5. Problema tat-tniġġis mill-fabbriki hi (kaxex tal-kartun, dħaħen miċ-ċmieni, prodotti għall-esportazzjoni, makni moderni) li jmermru l-bini u l-monumenti.

6. Id-duħħan li joħroġ mill-karozzi (jnaddaf, jsaffi, jniġġes, jsebbaħ) l-arja.

**(6 marki)**

**A (ii) Agħmel sing taħt il-kelma jew il-frażi li MA TAQBILX.**

1. (Ġebel, Fliexken, Bottijiet, Karti) huma affarijiet li nisseparaw fil-*bring-in sites*.

2. (Laparelli, Collachio, Il-ħaddiema Taljani, Il-bennejja Maltin) għenu fil-bini tal-Belt Valletta.

3. (It-Turiżmu, Is-Sajd, Il-Biedja, Il-Kaċċa) huma xogħlijiet li kienu jafu jagħmlu n-nies fiż-żmien pre-istoriku.

4. (Il-bini tat-tempji, Ir-ram u l-landa, L-għerien u l-fossili, L-għodda u l-fuħħar) juru l-progress li għamel il-bniedem pre-istoriku.

**(4 marki)**

## B. Simboli Nazzjonali Maltin








**B (i) Qabbel billi tikteb numru fil-kaxxa l-vojta. Wieħed minnhom hu lest.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Bini maestuż | | Il-Malti u l-Ingliż |
| 2 | Opra kbira ta' l-arti | | L-Arma ta' Malta |
| 3 | Se tkun minquxa fuq il-munita tal-ewro | **1** | Ir-Rotunda tal-Mosta |
| 4 | Dun Karm Psaila | | Il-Ġgantija u l-IMnajdra |
| 5 | Tempji Megalitiċi | | Il-pittura famuża ta' Caravaggio |
| 6 | Lingwi uffiċjali | | L-Innu Malti |

**(5 marki)**

**B (ii) Dawn qegħdin isaħħu l-komunikazzjoni soċjali?**
**Ikteb <u>Iva</u> jew <u>Le</u>.**

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Il-ġenituri u t-tfal fil-familja Borġ jiddiskutu kif jistgħu jaqsmu x-xogħol tad-dar bejniethom. | ________________ |
| 2 | Il-kelliema fuq stazzjon tar-radju jgħajru u jmaqdru lil xulxin. | ________________ |
| 3 | It-tfal jagħtu l-opinjoni tagħhom lill-Kunsill Lokali dwar il-bini ta' *playground* ġdid. | ________________ |
| 4 | L-għalliema titkellem mat-tfal tal-klassi dwar liema *play* jistgħu jagħmlu għall-Milied. | ________________ |
| 5 | Il-Gvern ta' pajjiż ma jismax lill-poplu u jagħmel dak li jaqbel lilu. | ________________ |

**(5 marki)**

**Ċ. Aqra sewwa dan li ġej.**

L-għalliema tas-Sitt Sena qalet lit-tfal biex iġibu xi affarijiet biex ikunu jistgħu jagħmlu **pluvjometru** fil-klassi.

**Ċ (i) Aqta' sing taħt il-ĦAMES affarijiet li t-tfal kellhom bżonn.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| termometru | | imqass | flixkun tal-plastik | kartuna tal-ħalib |
| rota | arloġġ | riga | qasrija tal-fuħħar | tejp ta' l-elettriku |

**Ċ (ii) Aqta' sing taħt it-tajba.**

It-tfal użaw il-pluvjometru biex ikejlu (minn fejn qed jonfoħ ir-riħ, t-temperatura, kemm għamlet xita, s-saħħa tar-riħ) mit-Tnejn sal-Ġimgħa.

**Ċ (iii) L-informazzjoni li ġabru t-tfal tidher fit-tabella t'hawn taħt.**
**Uża l-informazzjoni miġbura fit-tabella biex tkompli l-*bar graph*.**
**Il-jum tat-Tnejn lest bil-kulur griż.**

| **Jum** | It-Tnejn | It-Tlieta | L-Erbgħa | Il-Ħamis | Il-Ġimgħa |
|---|---|---|---|---|---|
| **mm** | 15 | 10 | 5 | xejn | 5 |




**(10 marki)**

**D (i) Aqra t-tagħrif li hemm miktub ma' ġenb kull ritratt.**
**Ikteb l-ISEM tar-RAĦAL jew BELT fejn jinsab dan il-bini.**

1. 

It-Torri ta' San Luċjan

Jinsab f'raħal tas-sajjieda fix-xlokk ta' Malta.
Huwa magħruf bħala Ċentru ta' l-Akwakultura.

____________________________

2. 

Il-Kon-katidral ta' San Ġwann

Inbena biex iservi bħala knisja ta' l-Ordni ta' San Ġwann.
Ġewwa dan il-bini hemm altari mnaqqxa, ħafna rħam u pitturi ta' nies famużi.

____________________________

3. 


L-Ajruport Internazzjonali ta' Malta

Minn hawn jitilqu ħafna ajruplani lejn pajjiżi oħra fl-Ewropa u fid-dinja.
It-turisti li jivvjaġġaw lejn Malta bl-ajru jidħlu f'dan il-bini.

____________________________

4. 

Lukandi kbar u lussużi

Jinsabu viċin il-baħar fil-lvant tal-gżira ta' Malta, qrib il-Port ta' Marsamxett.
Huma parti minn ċentru turistiku u kummerċjali.

____________________________

5. 

Domus Ruman

Dan il-bini jinsab barra l-belt is-siekta ta’ Malta. F’dan il-bini hemm fdalijiet storiċi bħal disinji tal-mużajk ta’ żmien ir-Rumani.

_________________________

6. 

Forti Sant’Anġlu

Inbena fi żmien il-kavallieri ta’ San Ġwann. Jinsab fil-Port il-Kbir.

_________________________

**(6 marki)**

**D (ii) In-numri fuq il-mappa juru erba’ postijiet f’Għawdex.**
**Ikteb in-numru WARA l-isem tal-belt jew raħal skond il-mappa.**

**Il-Gżira t’Għawdex**




| | |
|---|---|
| Mġarr | |
| Marsalforn | |
| Victoria | |
| Xlendi | |

**(4 marki)**

**E. Aqra u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**



Ġlormu Cassar kien il-perit Malti li kompla x-xogħol fuq il-bini tal-Belt Valletta. Hu ħa ħsieb ifassal l-aktar bini importanti f'din il-belt. Fost dan il-bini hemm il-knisja konventwali, il-palazz tal-Gran Mastri, is-seba' bereġ, l-imtieħen u l-ifran ta' l-Ordni.

**E (i) Aqta' sing taħt it-tajba.**

1. **Meta** nbnew il-bereġ fil-belt il-ġdida?

a) fi żmien il-Gran Mastru Del Monte
b) fi żmien il-Gran Mastru La Vallette
ċ) qabel La Vallette sar Gran Mastru
d) qabel Laparelli beda x-xogħol fuq il-belt il-ġdida

2. X'tip ta' bini kienet **berġa**?

a) torri b'foss
b) palazz kbir
ċ) dar fil-kampanja
d) dar żgħira

**E (ii)** Liema **tnejn** minn dawn huma bereġ? **Aqta' sing taħthom.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| ta' Kastilja | ta' San Franġisk | ta' San Ġwann | ta' l-Italja | ta' San Pawl |

**E (iii) Wieġeb.**

1. F'liema parti tal-Belt Valletta jinsab il-palazz tal-Gran Mastri?

______________________________________________

2. Kif inhuma mibnijin il-kantunieri tal-palazz tal-Gran Mastri?

______________________________________________

3. X'forma għandu l-kon-katidral ta' San Ġwann?

______________________________________________

4. Kif inhi l-faċċata tal-kon-katidral ta' San Ġwann?

______________________________________________

**(10 marki)**

**F.** *Cruise Liner* **żar xi gżejjer tal-Mediterran.**
**Ħares sewwa lejn il-mappa tal-Mediterran.**






**F (i)** **Qabbel in-numru mal-gżira. Wieħed minnhom hu lest.**

| | |
|---|---|
| Sqallija | **3** |
| Kreta | |
| Korsika | |

| | |
|---|---|
| Sardinja | |
| Ċipru | |
| Gżejjer Balearići | |

**F (ii)** **Il-*Cruise Liner* żar ukoll xi pajjiżi li jmissu mal-Mediterran.**
**Ikteb l-isem ta' dawn il-pajjiżi.**

| | |
|---|---|
| **A** | |
| **B** | |
| **Ċ** | |

**F (iii)** **Il-*Cruise Liner* ħareġ mill-Baħar Mediterran mill-Fliegu ta' Ġibiltà.**
**Pinġi vleġġa (⟶) fuq il-mappa biex turi fejn jinsab il-Fliegu ta' Ġibiltà.**

**(10 marki)**

**Ġ (i) Mid-djarju ta' Luqa**
**Imla l-vojt bil-kliem li jidhru hawn taħt.**
**ĦAMSA biss tista' tuża.**



| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| beżgħu | ferħu | qattiel | qaddej | nisħnu |
| tabib | krudeltà | ħniena | alla | nitilqu |

Meta ħlisna mill-għarqa, sirna nafu li l-gżira kien jisimha Malta. In-nies ta' din il-gżira wrew magħna ____________________ kbira. Billi kienet ix-xita u kien il-bard, qabbdu ħuġġieġa biex ____________________. Pawlu ġabar ftit ħatab biex jixħtu fin-nar. Fiz-zkuk kien hemm lifgħa li malli ħasset is-sħana ħarġet u gidmitu f'idu. In-nies tal-gżira kif raw il-lifgħa ma' idu ____________________. Huma ħasbu li Pawlu kien xi ____________________ għax għalkemm kien ħeles mill-għarqa xorta kien se jmut bil-velenu. Imma Pawlu farfar il-lifgħa ġon-nar. Meta raw li ma ġralu l-ebda deni, biddlu l-ħsieb u qalu li kien xi ____________________.

**(5 marki)**

**Ġ (ii) Agħmel (✓) taħt VERU jew FALZ.**

| | | VERU | FALZ |
|---|---|---|---|
| 1 | Il-Lhud riedu joqtlu lil Pawlu għax kien minn Tarsus. | | |
| 2 | Pawlu xtaq li jidher quddiem qorti Rumana. | | |
| 3 | Pawlu daħħal it-twemmin nisrani f'Malta. | | |
| 4 | Publiju sar l-ewwel isqof ta' Malta. | | |
| 5 | Il-Maltin kollha saru nsara mill-ewwel mal-miġja ta' Pawlu. | | |
| 6 | Fl-Atti ta' l-Appostli nsibu r-rakkont tal-miġja ta' Pawlu f'Malta. | | |

**(6 marki)**

**Ġ (iii) Semmi TLIET postijiet li jfakkruna fil-miġja ta' San Pawl f'Malta.**

1. ________________________________________

2. ________________________________________

3. ________________________________________

**(3 marki)**

**G. Aqra sew din is-silta.**

L-għalliem tas-Sitt Sena stieden lit-tfal biex jgħidu x'jistgħu jagħmlu ħalli jnaqqsu l-iskart. It-tfal ħadmu fi gruppi. Kull grupp għażel *Leader*.

Marika mexxiet id-diskussjoni fil-grupp tagħha. Hi rat li t-tfal kollha tal-grupp kellhom ċans jgħidu x'jaħsbu. It-tfal semgħu l-ideat differenti, anki fejn ma qablux.

Fil-grupp li kellha tmexxi Pamela kulħadd ried jitkellem l-ewwel u ma setgħux jiftiehmu. Huma bdew jiġġieldu u ħlew il-ħin.

Fl-aħħar il-*Leaders* riedu jgħidu l-ideat tal-grupp tagħhom lill-klassi kollha. Marika semmiet l-ideat differenti tal-grupp tagħha. Meta kien imiss lil Pamela, din qalet li t-tfal tal-grupp tagħha bdew jitkellmu kollha f'daqqa u ma setgħet tifhem xejn.

**G (i) Aqta' sing taħt iż-ŻEWĠ tweġibiet tajbin.**

1. Il-grupp ta' Marika ħadem tajjeb flimkien għax it-tfal:

(a) semgħu lil xulxin | (b) irrispettaw l-opinjonijiet ta' xulxin

(ċ) iġġieldu bejniethom | (d) qablu f'kollox ma' xulxin

2. Il-grupp ta' Pamela ħela l-ħin għax it-tfal:

(a) bdew jiġġieldu | (b) ippruvaw jaqblu bejniethom

(ċ) ma tawx kas ta' l-ideat ta' xulxin | (d) ma kellhomx ideat

3. Il-persuna li tmexxi l-grupp għandha:

(a) tħalli lil kulħadd jagħmel li jrid | (b) tgħin biex ikun hemm ftehim

(ċ) tagħmel kollox waħidha | (d) tara li x-xogħol isir sew

**(6 marki)**

**G (ii) Immarka (✓) l-ERBA' ideat li jgħinu biex jonqos l-iskart.**

| | | |
|---|---|---|
| (a) | Meta niktbu nużaw il-karta miż-żewġ naħat. | |
| (b) | Nużaw platti u tazez tal-plastik minflok tal-ħġieġ u narmuhom. | |
| (ċ) | Meta jkollna xi *magazines* użati nagħmlu dekorazzjonijiet bihom. | |
| (d) | Nagħmlu xi *pencil holder* bil-bottijiet tal-landa wżati. | |
| (e) | Oġġett li jiġrilu l-ħsara narmuh minflok nippruvaw insewwuh. | |
| (f) | Nerġgħu nużaw vażetti tal-ħġieg biex nerfgħu oġġetti żgħar fihom. | |

**(4 marki)**

**GĦ. Agħżel WIEĦED minn dawn.**
**Ikteb 8 sentenzi dwaru.**
**In-noti jistgħu jgħinuk.**

1. **Il-Komunikazzjoni** – kif nikkomunikaw, il-lingwa,
modi differenti ta' kif inwasslu messaġġ,
gruppi li jsaħħu l-komunikazzjoni fil-lokalità

2. **Il-Pajsaġġ Malti** – kif issawwar il-blat ta' Malta,
il-ħames saffi ewlenin – il-kulur, il-kwalitajiet, l-użu u fejn jinsabu

3. **It-Twemmin Reliġjuż ta' l-Ewwel Nies f'Malta** – lil min kienu jaduraw,
xi tempji li bnew u kif bnewhom, il-fdalijiet differenti u fejn instabu

**(16-il marka)**

**Tmiem il-Karta**